# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 7ta' Dicembru, 2001**

**Appell Nru. 149/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Louis Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (fit-30 ta' April, 1998) kontra Louis Mallia talli f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Marzu, 1998 (**1**) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga erojina bi ksur tal-ligi; (**2**) kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi f'tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; u (**3**) talli huwa sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll tal-Qorti ta' l-Appell [**recte:** Qorti ta' l-Appell Kriminali];

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Lulju, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Louis Mallia **hati skond it-tieni u skond it-tielet imputazzjonijiet**, izda **lliberatu mill-ewwel imputazzjoni**, u kkundannatu ghall-piena ta' **ghaxar xhur prigunerija** (mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz) **u multa ta' mitejn lira (Lm200)** (pagabbli din il-multa b'rati mensili ta' mhux anqas minn ghoxrin lira [Lm20], bid-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu fil-kaz li huwa jonqos minn pagament wiehed, u b'dan li iz-zmien tal-hlas jibda jiddekorri hekk kif l-imsemmi Mallia jiskonta l-piena ta' prigunerija); ikkundannu wkoll **ihallas l-ispejjez tad-Dokument MM ammontanti ghal sitta w tletin lira (Lm36)**; dik il-qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-*CCF* sabiex jiehu l-mizuri opportuni biex tinghata l-ghajnuna li l-hati jehtieg, u rakkomandat ukoll li huwa jitqies bhala kandidat eligibbli ghall-wiehed mill-programmi mwaqqfa hemmhekk; fl-ahhar nett ordnat id-distruzzjoni tad-droga ezibita a kura tar-Registratur tal-Qorti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Louis Mallia, minnu ppresentat fl-24 ta' Lulju, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Dicembru, 2001; ikkunsidrat:

Qabel xejn ghandu jigi precizat li fil-pendenza ta' l-appell, l-appellant ippresenta rikors (fit-12 ta' Novembru, 2001) sabiex jigi awtorizzat itella' bhala xhieda rappresentanti tal-Caritas halli jixhdu "dwar il-progress li huwa qed jaghmel", u dana peress li fl-istess rikors huwa allega li "beda jsegwi programm ghar-riabilitazzjoni mill-problema tad-droga fi hdan San Blas". Din il-Qorti akkordat it-talba bid-digriet tas-16 ta' Novembru, 2001; izda fl-udjenza meta kellhom jingiebu dawn il-provi, cioe` fit-3 ta' Dicembru, 2001, l-appellant baqa' ma tella' jew ipproduca lil hadd. Ghalhekk din il-Qorti ordnat il-prosegwiment ta' l-appell billi ssir it-trattazzjoni da parti tad-difensuri tal-partijiet.

Ghalkemm l-appellant, fir-rikors tieghu, jghid li ghandu diversi "aggravji" (fil-plural), effettivament dawna jirriducu ruhhom ghal aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel qorti ddecidiet hazin meta rriteniet li l-erojina misjuba fuqu ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu. In sostenn ta' dana l-aggravju huwa jgib diversi argumenti, u princpali fosthom hemm tnejn: (1) il-fatt li huwa instab f'post frekwentat minn persuni bil-vizzju tad-drogi kienet, skond l-appellant, cirkostanza li ma kellhiex tittiehed kontra tieghu peress li hu wkoll kien persuna b'dana l-vizzju, u f'postijiet simili ikun hemm kemm traffikanti kif ukoll min – bhalu – kien semplicement jixtri ghalih innifsu; u (2) li l-fatt li kellu fuqu tmien qratas b'ammont totali ta' biss 0.379 grammi erojina kienet, dejjem skond l-appellant, cirkostanza li proprju turi li dik id-droga kienet ghall-uzu eskussiv tieghu. L-appellant jargumenta wkoll li l-ewwel qorti emmnitu dwar ic-cirkostanza ta' minghand min kien xtara d-droga (tant li applikat fil-konfront tieghu l-Artikolu 29 tal-Kap. 101), u ghalhekk kellha temmnu wkoll fir-rigward tad-dikjarazzjoni tieghu maghmula fil-kors tad-deposizzjoni li hu ta quddiemha li dik id-droga li instabet fuqu kient ghall-uzu esklussiv tieghu.

Din il-Qorti tibda biex tghid li tinsab ftit sorpriza kif l-ewwel qorti waslet biex applikat l-Artikolu 29 imsemmi. Huwa veru li l-appellant, fid-deposizzjoni tieghu, isemmi persuna (u jaghti certi dettalji dwarha) bhala l-persuna li minn ghandha huwa kien xtara d-droga fil-gurnata li fiha nqabad (18/3/98) kif ukoll f'okkazzjonijiet precedenti, pero` ma hemm xejn fil-provi li remotament jista' jindika li l-appellant b'hekk ghen lill-Pulizija <u>taqbad</u> lil din il-persuna; anqas ma jirrizulta li hemm xi dikjarazzjoni f'dan ir-rigward da parti tal-prosekuzzjoni. Fi kliem iehor, fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel qorti <u>ma kellhiex</u> tapplika l-Artikolu 29. Pero` fin-nuqqas ta' appell da parti tal-prosekuzzjoni, din il-Qorti ma tistax tbiddel is-sentenza f'dan ir-rigward.

Kwantu ghall-kwistjoni dwar jekk l-ewwel qorti kellhiex quddiemha cirkostanzi li minnhom setghet, legalment u ragjonevolment, tikkonkludi li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-istess appellant, din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha u bir-reqqa, inkluza d-deposizzjoni tal-appellant tad-9 ta' Lulju, 1999 (fol. 142 sa 148), hi tal-fehma li m'ghandhiex tiddisturba l-

konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti. Meta l-appellant kien gie interrogat mill-Pulizija l-unika mistoqsija li huwa wiegeb ghaliha kienet dik dwar jekk hu kienx jahdem. Huwa wiegeb: *"Jien ma nahdimx u fil-prezent qed niehu r-rilief. Jien niehu Lm27.30 fil-gimgha. Jien nghix wahdi fl-indirizz ta' hawn fuq."* Fid-deposizzjoni tieghu hu qal li d-droga li kienet instabet fuqu kien ghadu kif xtraha ghall-prezz ta' Lm40, u li dan l-ammont ta' erojina kien jixtrieh kuljum. B'introjtu ta' ftit aktar minn sebgha w ghoxrin lira fil-gimgha din il-Qorti ssibha difficli tifhem kif l-appellant seta' jixtri kuljum b'madwar erbghin lira erojina, u dan ghal periodu ta' cirka hames jew sitt xhur, jekk huwa ma jkunx qieghed ukoll jispacca l-istess droga (fil-fatt fi tmiem id-deposizzjoni tieghu huwa jammetti li mal-persuna li kien jixtri minghandha d-droga kellu dejn ta' xi Lm380). Cirkostanza ohra sinjifikanti, forsi aktar mill-fatt li d-droga kienet imqassma fi qratas, kienet dik li l-appellant jghid li hu kien xtara d-droga f'xi hin bejn il-hdax ta' filghodu u s-siegha ta' wara nofs in-nhar u li hu kellu bhal seba' mitt sena biex imur jehodha ghax kien "marid mejjet" (ara fol. 145). Pero`, kif jirrizulta mid-deposizzjoni ta' l-Ispettur Sandro Gatt, l-appellant fil-fatt instab fejn Philip's Bar (hdejn it-Terminus tal-karozzi f'Putirjal) ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofs in-nhar. Jekk verament kien daqshekk mghaggel biex jiehu d-droga, ghalfejn ma marx jehodha d-dar milli baqa' hdejn il-bar in kwistjoni bil-qratas mohbija fil-peduni? Galadarba kien jghix wahdu f'post il-Belt, ma kienx hemm xi biza' li xi hadd fil-familja jmisslu d-droga; eppure huwa baqa jgorr il-qratas fuqu. Dan il-fatt kienet cirkostanza li l-ewwel qorti setghet legalment tigbed konkluzzjoni minnu. Fl-ahhar nett huwa appena necessarju jinghad li xhud (inkluz l-akkuzat li jaghzel li jixhed) jista' jitwemmen f'kull ma jghid, f'parti milli jghid, jew jista' ma jitwemmen f'xejn.

Kollox ma' kollox din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti sia ghar-rigward ta' dik li hi htija kif ukoll ghar-rigward tal-piena. Konsegwentement tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.